***Worksheet*** **S6.1.5**
Naraw għaliex in-nies ta’ Żmien il-Bronż kienu differenti min-nies ta’ qabilhom.

**Kevin u Sandra jistħarrġu ŻMIEN IL-BRONŻ** *(Kitba ta’ Leonard Grech)*

**Aqra u wieġeb.**




Sandra: Fi Żmien l-Imqades is-sengħa tal-bini kienet żviluppata sew minkejja l-limitazzjonijiet kollha li kellhom in-nies ta’ dak iż-żmien. L-Imqades ta’ Ħal Tarxien kienu l-aħħar imqades li bnew u naħseb li fihom l-isbaħ xogħol fil-ġebel li kienu kapaċi jagħmlu.

Kevin: Hija tassew ħasra li din il-kultura spiċċat fix-xejn. Għal xi raġuni dawn in-nies telqu minn Malta jew inqerdu. Forsi ma baqgħetx tagħmel xita biżżejjed u kien hawn nixfa kbira.

Sandra: Jista’ jkun; jew inkella dawn in-nies bravi u kwieti mardu u mietu kollha. L-arkeoloġi jaħsbu li għal xi 200 sena ma kienx hawn nies f’Malta. Imbagħad ġew nies ġodda li jsejħulhom nies ta’ Żmien il-Bronż.

**Ftakar dawn il-punti dwar Żmien il-Bronż:**

- Il-bronż huwa metall li jsir b’taħlita ta’ ram u landa.
- In-nies ta’ żmien il-bronż ma bnewx imqades (imma użaw l-Imqades ta’ Ħal Tarxien li ħallew in-nies ta’ qabilhom).
- Huma ma kellhomx l-istess reliġjon bħan-nies ta’ Żmien l-Imqades.
- Kienu jaħarqu lill-mejtin tagħhom u l-fdal kienu jpoġġuh taħt dolmen.
- Kienu jagħmlu ġebel kbir wieqaf li jissejjaħ menhir.
- Għexu fi żminijiet imqallba għax l-arkeoloġi sabu fdalijiet li għandhom x’jaqsmu mal-gwerra bħal skieken, armi u postijiet iffortifikati f’Borġ in-Nadur (Birżebbuġa) u l-Baħrija.



*menhir*

1. Għaliex taħseb li n-nies ta’ Żmien il-Bronż kienu jaħarqu lill-mejtin tagħhom?



*dolmen*

2. X’kienu jagħmlu wara li jaħarqu l-mejtin tagħhom?

3. Għaliex taħseb li kienu jagħmlu ġebel kbir wieqaf bħall-menhir?

4. Għaliex taħseb li bnew postijiet iffortifikati?

5. Semmi żewġ differenzi bejn in-nies li bnew l-imqades u n-nies ta’ Żmien il-Bronż.

(a) 

(b) 